# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**


**IL-ĦADD, 6.11.11: It-TNEJN U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA**
**Fit-3.30p.m.** Nitilqu mill-knisja **PELLEGRINAĠĠ** għaċ-Ċimiterju.
**Fil-4.00p.m.** Quddiesa konċelebrata u wara jsir it-tberik tal-oqbra.
**IT-TLIETA, 8.11.11: Fis-6.30p.m.** Ikun hawn il-Laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla.
Din tkun fid-Dar Parrokkjali.
**L-ERBGĦA, 9.11.11: FESTA TAD-DEDIKAZZJONI TAL-KNISJA TAL-LATERAN**
**Il-Ħadd, 13.11.11: IT-TLIETA U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

**FESTA TA' SAN ADEODATO MARTRI**

Illum nagħmlu l-festa ta' San Adeodato Martri fil-parroċċa tagħna.
**Fit-3.30p.m.** Jingħad ir-Rużarju mqaddes
**Fil-4.00p.m.** Quddiesa Kantata bil-prietka fuq San Adeodato u dritt wara toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa relikwija ta' San Adeodato li tgħaddi mit-toroq Dun Xand Aquilina, Santa Marija, Ċenc u Pjazza Santa Margerita.
Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja tkun għar-Restawri.

## ĠBIR GĦALL-MISSJONI

Il-Ġbir li sar mit-tfal tal-Iskola għall-missjoni kien is-somma ta' **€331.30**. Grazzi .

## ĦINIJIET TAĊ-ĊIMITERJU

Matul ix-xahar ta' Novembru ċ-Ċimiterju se jkun miftuħ bejn it-**8.00a.m. u l-4.00p.m**.

## FONDAZZJONI ARKA

Id-Direzzjoni tal-Fondazzjoni Arka tirringrazzja lill-Komunita' Parrokkjali ta' Sannat għal-laqgħa sabieħa u trattament kbir li għamilna lill-Persuni bi Bżonnijiet Speċjali.

## JUM DINJI KONTRA D-DIJABETE
## (14 ta' Novembru)

L-ispiżeriji kollha ta' Għawdex se jkunu qegħdin joffru test taz-zokkor fid-demm b'xejn mit-Tnejn 7 ta' Novembru sat-Tnejn 14 ta' Novembru li jaħbat mal-Jum Dinji kontra d-Dijabete. Inħeġġu lill-pubbliku biex jikkonkorri. F'każ ta' diffikulta' jew għal iktar informazzjoni wieħed jista jċempel lil: Yan Grima Tel: 21344610 jew Mobile: 99409946
Jew lil : Rosanne Buttigieg : Mobile : 99877704

## Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta

Nhar it-Tlieta li ġejja, 8 ta' Novembru, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ tistieden liż-żgħażagħ Għawdxin f'Malta għal laqgħa flimkien fil-Kappella tal-Università, fis-7.15pm. Is-suġġett tal-laqgħa se jittratta d-dinja tas-Social Media.

## IĊ-ĊIMITERJU

iċ-Ċimiterju huwa wieħed mill-postijiet sagri li tgħożż il-Knisja, għax fiħ jindifnu l-iġsma tal-membri tagħha. Hija żżomm dan il-post kemm jista' jkun b'ċerta dinjita'.
Dawk l-erwieħ tal-persuni li għixu ħajja kif jitlob minna Ġesu', u li huma midfuna f'dan iċ-ċimiterju, huma qaddisin u għalhekk jistħoqqilhom kull ġieh u rispett.
Int ukoll li żżur dan il-post qaddis, żomm quddiem għajnejk dan il-ħsieb biex tħares id-dinjita' ta' dan il-post sagru u titlob b'devozzjoni u ġabru għall-erwieħ kollha tal-purgatorju.
Waqt il-ħin tal-quddiesa m'għandux isir talb privat jew inkella ġiri madwar iċ-ċimiterju, imma nieħu sehem mal-komunita' li tkun qed tagħmel l-offerta tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku b'suffraġju tal-Erwieħ.
Agħti s-sehem tiegħek wkoll biex dan il-post jinżamm fi stat nadif.